MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 84/2014

**Wara l-atti tal-ittra ufficjali 529/14 a tenur tal-**

**Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Alfred Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Alfred Caruana fil-5 ta' Marzu 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn ippremetta:

*"Illi b'ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 2014, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ipprezentat ittra ufficjali kontra r-rikorrent fejn talbu biex ihallas is-somma ta' EURO 952.64c rapprezentanti hlas ghal direct action ossia ezekuzzjoni ta' l-Avviz ghat-Twettiq Nru: ECF 753/08 konsistenti f'tindif u tnehhija ta' diversi oggetti ta' scrap minn go sit f'Nigret Road, Zurrieq, skond invoice numru 5836.*

*Illi r-rikorrent qed jopponi din it-talba billi jipprezenta r-rikors odjern li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba tal-intimat Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bhala wahda infondata u dan ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rikors ghandu jigi notifikat lill-istess Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li jkollu d-dritt jipprezenta risposta fi zmien 20 gurnata minn notifika ta' l-istess.*

*Illi l-ispejjez kollha li qed titlob l-Awtorita' m'humiex ragonevoli ai termini ta' l-Artikolu 90(5) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tezegwixxi Avviz ta' Twettieq, stante illi l-ammont mitlub huwa ezagerat peress illi fit-twettieq ta' dan l-Avviz ta' Twettieq, kienu nvoluti tlett haddiema tal-MEPA u zewg pulizija u damu ftit sieghat inehhu dan ix-xoghol u li tieghu jippretendu hlas ta' 'l fuq minn €850.*

*Illi barra minn hekk, jippretendu wkoll spejjez amministrattivi ta' €105.*

*Illi l-Awtorita' oltre l-iscrap, hadet lill-attur zewg imrabat tal-gebel ta' fuq minn erbgha piedi l-wahda, li jiswew €1,000, kif ukoll magna ta' mutur.*

*Illi huwa widdibhom illi m'ghandhomx jarmu dawn l-oggetti imma b'negligenza ovvja ta' l-Awtorita' mill-Ufficjali taghha u mill-Agenti taghha, huma ramew dawn l-oggetti b'dannu ghall-istess rikorrenti.*

*Illi l-Awtorita' lanqas ma tista' tirkupra spejjez tal-Pulizija li ghandhom jigu irkuprati mill-istess Pulizija stante illi m'humiex kollha dovuti lill-istess Pulizija.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba maghmula mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub m'huwiex ragonevoli a tenur ta' l-Artikolu 90(5)(6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ir-rikorrenti Alfred Caruana ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet fuq imsemmija u jew se mai m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont mitlub fl-interita' tieghu stante illi l-ammont m'huwiex ragonevoli."*

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li giet ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2014:

*"Illi r-rikors ta' Alfred Caruana ghandu jigi michud, u dana billi r-ragunijiet migjuba minnu in sostenn tar-rikors tieghu huma legalment inammissibbli, u fattwalment skorretti.*

1. *Illi minn qari akkurat tar-rikors wiehed mill-ewwel jintebah illi l-posizzjoni tar-rikorrenti hi li hu ma jridx ihallas dak dovut lill-Awtorita' billi qed isostni li: (i) l-ispejjez kollha li qed titlob l-Awtorita' mhumiex ragonevoli ai termini ta' l-Artikolu 90(5) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-ammont mitlub huwa ezagerat; (ii) li l-Awtorita' hadet lill-attur zewg imrabat tal-gebel ta' fuq minn erbgha piedi l-wahda li jiswew 1,000 Ewro, kif ukoll magna ta' mutur; (iii) li fil-kors tal-esekuzzjoni tad-direct action b'negligenza ta' l-Awtorita' intremew dawn l-oggetti b'dannu ghall-istess rikorrenti; (iv) li l-Awtorita' lanqas ma tista' tirkupra spejjez tal-Pulizija li ghandhom jigu irkuprati mill-istess Pulizija stante illi mhumiex kollha dovuti lill-istess Pulizija.*

2. *Illi izda fil-verita' jirrizulta li l-ammont mitlub mill-Awtorita' esponenti jirrifletti precizament l-ammont ta' hlasijiet inkorsi mill-Awtorita' biex seta' jigi esegwit id-direct action mertu tal-kaz odjern wara li r-rikorrent abbusivament baqa' jisfida u jippersisti li ma jnehhix l-illegalitajiet minnu kommessi. Dan wara li kien inghata aktar minn zmien bizzejjed ghal dan il-ghan. Illi hadd ma jista' jippretendi li jitla' 'l fuq mill-ligi, jikkommetti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, imbaghad meta l-Awtorita' regolatorja tkun kostretta tagixxi, jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjez konnessi ma' tali azzjoni, liema spejjez fl-ahharnett iridu jigu sopportati mit-taxxi ta' cittadini ohra li josservaw il-ligijiet tal-pajjiz u li ma jghaddilhomx minn mohhom li jwettqu l-illegalitajiet kbar li wettaq ir-rikorrent, u ghalhekk lanqas ghandhom ikunu cittadini onesti li jbatu ghan-nuqqasijiet tar-rikorrent. Hawn wiehed irid mill-ewwel jirrileva li fost l-*

*illegalitajiet kommessi mir-rikorrent, wiehed isib d-depozitu ta' ammont massic ta' scrap tal-hadid u munzelli ta' demel!*

3. *Illi in kwantu r-rikorrent qed isostni li m'ghandux ihallas ghax l-Awtorita' ikkagunatlu danni fil-kors tal-esekuzzjoni tad-direct action, din hi kontestazzjoni li hi legalment inammissibbli billi ma tistax titqajjem fil-proceduri odjerni. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent qatt ma fittex lill-Awtorita' ghall-allegati danni minnha kagunati, li qed jigu ghal kollox kontestati. Fit-tieni lok, kull azzjoni ghall-irkupru tal-allegati danni subiti mir-rikorrent hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 bit-trepass ta' sentejn. Fit-tielet lok, l-artikolu 90 (5) tal-Kap 504 jipprovdi li: "L-Awtorita' ma tkunx azzjonabbli ghad-danni li jistghu jkunu gew inkorsi meta hija tkun ezercitat dawn il-poteri taghha, sakemm ma jigix ippruvat illi dawk id-danni jkunu gew inkorsi minhabba negligenza ovvja mill-Awtorita', mill-ufficjali taghha u mill-agenti taghha." <u>Fir-raba' lok, fil-procedura odjerna, l-Qorti trid tillimita ruhha ghal dak li hu dovut lill-Awtorita'; jekk ir-rikorrent ihoss li ghandu jithallas xi haga mill-Awtorita', ghandu jintavola proceduri separati</u>. Fil-hames lok, l-Awtorita' ma kkagunat l-ebda dannu lir-rikorrent, sakemm ir-rikorrent ma hux qed iqis bhala dannu t-tnehhija ta' dak minnu illegalment mibni.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita' intimata bhala wahda infondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

**Charles Debattista** xehed fis-7 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Senior Enforcement Officer fi hdan ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Mistoqsi jekk harigx xi tax invoice lil Alfred Caruana wiegeb

li huwa ma johrogx tax invoices. Dak iz-zmien huwa kien responsabbli mid-*direct action* li saret fuq il-font tas-Sur Caruana, u r-referenza tal-kaz huwa ECL/753/08 u d-*direct action* saret fit-13 ta' Marzu 2009. Huwa spjega li d-*direct action* tibda minn meta telqu mill-MEPA u jiltaqghu *on site* u maghhom jibdew il-hinijiet taghhom ukoll il-kuntrattur bl-assistenza li jkunu qed joffru l-pulizija.

Ix-xhud spjega li l-kuntrattur jigi vicin is-*site* u l-pulizija jigi jiltaqa' maghhom il-MEPA u wara jitilqu b'convoy ghal fuq il-post. F'dan il-kaz iltaqghu fis-sitta ta' filghodu. F'kazi bhala dawn, minn naha tal-MEPA jkun hemm prezenti x-xhud bhala senior u jkollu zewg assistenti. F'dan il-kaz kienu Annabelle Attard u Hubert Cini u marru on site in-Nigret, iz-Zurrieq. Ix-xhud prova jiftakar mill-memorja li damu mis-sebgha sat-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Ix-xoghol li ghamlu kien jikkonsisti f'sit skont kif qed tghid l-akkuza, u filfatt esebixxa kopja tal-enforcment notice li giet immarkata bhala Dokument CSH. Ix-xhud ipprezenta wkoll xi ritratti ta' kif kien is-site dakinhar u waqt li kien qed isir ix-xoghol. Ix-xoghol kien jikkonsisti, kif hemm ukoll fl-akkuza, illi jekk ghandek gnien jew art ohra fil-berah li bid-dehra u l-kundizzjonijiet taghha kienet qed thassar il-gmiel jew siwi ta' fauna li qieghda fiha minhabba li tpoggew fiha vetturi, bicciet tal-hadid u materjal iehor gewwa s-sit minghajr permess. Mistoqsi kemm kien hemm vetturi u affarijiet, wiegeb li huma ma joqghodux jghoddu, pero' huwa kien ser jipprezenta sett ta' ritratti. Filfatt esebixxa kopja ta' ritratti ta' meta huma kienu qeghdin on site u kienu qed inaddfu.

Mistoqsi minn min u kif gew elevati minn fuq il-post dawn l-affarijiet wiegeb li dak iz-zmien kienet twaqqfet task force bejn il-Gvern sabiex f'siti bhal dawn huma jkollhom l-assistenza ta' kuntrattur privat u kienet tkun li l-cleansing department kienu jigu bin-nies taghhom u bl-ingenji taghhom. Dawn ma kienux jithallsu. Mistoqsi min thallas minn dan ix-xoghol wiegeb li thallsu l-pulizija u

kien hemm l-*administration fees* tal-MEPA. Mistoqsi kemm huma l-*administration fees* u kif jinhadmu wiegeb li ma jafx ghax dak huwa xoghol tal-*accounts department*. Hemm *fees* tal-pulizija li jista' jesebixxi kopja tal-invoice taghhom. Prezenti waqt dan il-process kien hemm spettur, surgent u zewg kuntistabbli. Ix-xhud quddiemu ghandu kif jigu segretati l-fees. Mistoqsi kif tkun il-procedura li huma jaghmlu meta jkunu jridu l-pulizija f'kaz ta' *direct action* wiegeb li l-procedura hi li huma lill-pulizija jibghatulhom fax jew email lill-Ispettur tal-ALE u jghidlu xi jkollu bzonn bhala pulizija, u mbaghad l-Ispettur jibghatlu email ohra jew telefonata. Mistoqsi jekk huwa jghidx lill-Pulizija kemm ser ikollu bzonn nies meta jkun sejjer biex inehhi ftit imbarraz wiegeb li gieli kellhom *direct action* li f'ghajnejhom ikunu jidhru li huma zghar izda ma jkunux u jispiccaw jigu aggrediti. Allura hemmhekk tidhol il-pulizija sabiex izzomm il-buon ordni.

**Kevin Portelli** xehed fl-4 ta' Gunju, 2014 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' financial controller mal-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Huwa qed jara d-dokument ezebit fl-atti mmarkat bhala Dokument CSH4 a fol 37 tal-process u qal li dan id-dokument huwa mahrug minnu. Huwa tenna li d-Direttorat tal-Infurzar huma responsabbli ghad-direct action u qal li minn naha taghhom jaraw kemm hemm bzonn ufficjali biex ikunu on site, il-grad ta' tali ufficjali u sussegwentement jirrapporta lix-xhud in-numru ta' sieghat li kull ufficjal ikun ghamel. Ix-xhud zied jghid li fil-fatt izidu xi kontijiet tal-kuntrattur jew pulizija li jkunu gew imqabbda biex jassistuhom. Id-direct action tinvolvi wkoll uzu tal-karozzi tal-MEPA u hemm rata stabbilita li jiccargjaw skont in-numru ta' sighat li juzaw din l-istess vettura.

Ix-xhud jaf li dakinhar kien hemm hames ufficjali tal-MEPA fuq is-sit in kwistjoni. Wiehed minnhom kien Senior Enforcement Officer, tnejn Planning Officers

Grade 2 u tnejn Planning Officers Grade 1. Huwa jaf illi kien hemm erba' membri tal-Korp tal-Pulizija wkoll prezenti. Ix-xhud spjega illi *over and above* r-rati tal-per hour tal-ufficjali taghhom hemm *administration charge* ta' ghoxrin fil-mija. Oltre dan hemm ukoll rata ta' tmintax fil-mija tal-VAT. Huwa stqarr illi l-*administration fee* ta' ghoxrin fil-mija tigi cargjata *over and above* il-hlas li jinghataw bhala *hourly rate* u dana sabiex ikopri n-nies l-ohrajn li ma jkunux fuq is-sit pero' jkunu nvoluti f'dan ix-xoghol. Spjega li l-ufficjali nvoluti fid-*direct action* jintaghzlu minn hames gradi u ghandhom *hourly rate* skont il-grad li tirraprezenta l-basic pay ta' dak li jkun f'dak il-grad. Mistoqsi kif japplikaw ir-rata ta' siegha saghtejn u cioe' kif f'dan il-kaz tas-Senior Enforcement Officer thallas ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€20.96) wiegeb illi din ir-rata tintuza jew meta x-xoghol isir fil-weekends jew public holidays jew meta ssir wara l-hinijiet tax-xoghol cioe' wara l-erbgha ta' wara nofsinhar u qabel is-sebgha ta' filghodu. Ghalhekk is-siegha saghtejn tapplika mill-hdax ta' bil-lejl sas-sebgha ta' filghodu. Wara l-erbgha ta' wara nofsinhar sal-hdax ta' bil-lejl tapplika bis-siegha, siegha u nofs. Mistoqsi ghaliex marru fis-sitta ta' filghodu wiegeb li ma jkunx jaf, ghax ma tkunx decizjoni tieghu.

Meta huma jitkellmu fuq ir-rata tas-Senior Enforcement Officer, l-istess rata u principju japplika ghall-Planning Officers 2 u Planning Officers 1. Meta qeghdin jiehdu r-rata ta' transport vehicles jghid li kien hemm zewg vetturi li hadmu disa' sighat kull wiehed bir-rata ta'€4.08 fis-siegha u ghalhekk l-ammont tela' €73.88. Huwa esebixxa kopja tal-kont li rcevew minghand il-Pulizija rigwardanti l-ispiza taghhom fl-ammont ta' 399.27. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument Z. Mistoqsi min jistabilixxi l-*administration fee* ta' ghoxrin fil-mija qal li din hija rata nterna li ssir dejjem.

**Charles Debattista** rega’ xehed fl-4 ta’ Gunju 2014 fejn gie muri ritratti li huma esebiti f’dawn l-atti a fol 23 et sequitur immarkati bhala Dokument CSH1. Huwa esebixxa kopja ta’ ritratti li huwa kien esebixxa fis-seduta precedenti u dawn gew mghoddija lill-kontro-parti kif ukoll esebixxa kopja tal-*enforcement notice* u kopja tal-kont mahrug mill-MEPA. Huwa spjega li dawn ir-ritratti li gew mehuda minnhom dakinhar tal-*enforcement* u hemm ritratti ohrajn li ttiehdu mill-Investigating Officer qabel ma ghamlu l-enforcement u cioe’ d-direct action. Ir-ritratti black and white gew mehuda mill-Investigation Officer qabel ma saret id-direct action u meta x-xhud hareg fl-enforcement li kien hemm *direct action on derelict objects*, dawn huma l-istess oggetti murija fir-ritratti bil-kulur fl-atti. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dokument X li gie moghti lilhom mill-Cleansing Department rigwardanti t-tunnellagg li nhareg minn dan il-post gewwa Triq in-Nigret, Zurrieq li huwa ddiskriva bhala *derelict object* u qal illi bhala tunnellagg kien hemm. Fil-fatt kien hemm zewg vetturi li huma trakkijiet tal-Gvern li ghamlu hdax-il trip u wiehed minnhom kien bin-numru GVH 329 li ghamel hames trips u gabar erbatax-il elf u ghoxrin kilo waqt li t-tieni vettura bin-numru GVH 589 ghamlet hames trips ukoll u gabret disa’ mitt kilos.

Huwa esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument X li jindika l-materjal metalliku li ngabar mis-socjeta’ Disma. It-trakkijiet li gabru l-iskart huma bhal dawk murija fir-ritratt. Ix-xhud ikkonferma li sabiex jingabar l-iskart li kien hemm f’din l-ghalqa kien hemm bzonn ta’ ghaxar vjaggi u cioe’ sabiex jingabar it-tunnellagg indikat f’Dokument Z. Ikkonferma li effettivament tmien vjaggi kien hemm li jappartjenu lill-Cleansing Department u erba’ vjaggi ohra tad-Disma rigwardanti l-gbir tal-metall skont id-Dokument X u waqt li jkun il-gbir tal-iskart minn Disma jkun hemm il-Pulizija prezenti biex ikun jaf il-mizien x’qed jaqralu. B’referenza ghad-Dokument X mahrug mid-Disma spjega li fejn hemm miktub gross 3630, qal li dan huwa d-dead weight tat-trakk in kwistjoni flimkien mal-merkanzija fuqu u sussegwentement in-numru 2770 huwa l-weight tat-trakk

wahdu u ghalhekk il-bilanc hemmhekk 860 huwa l-weight tal-iscrap li jkun gabar id-Disma u dan japplika wkoll ghat-tlett invoices ta’ wara u ghalhekk apparti l-kilos li ngabru mill-Cleansing Services Department ikun hemm il-kilos kif indikati mid-Dokument X migbura minn Disma. Huwa gie muri Dokument CSH1 esebit f’dawn l-atti a fol 23, 24 u 25. Waqt li huwa kien fuq il-post ix-xoghol ingabar u ma kien hemm l-ebda pawsa u peress li gie kkonsmat tant hin ifisser illi xoghol kien jirrikjedi tant hin. Huwa tenna illi r-regola tal-MEPA hi li jibdew fis-sitta ta’ filghodu u dana bil-ghan illi jlestu kmieni. Mistoqsi jekk hux ghall-kwistjoni ta’ overtime jew le, wiegeb li ma jafx.

**Charles Debattista** xehed in kontro-ezami fis-17 ta’ Settembru 2014 fejn iddikjara li l-*enforcement order* mahruga minnhom fit-8 ta’ Novembru 2008 li kopja taghha tinsab inserita fl-atti u mmarkata bhala Dokument CSH a fol 22, giet notifikata lil xi hadd F. Caruana skont il-pink card relattiva nhar it-13 ta’ Novembru 2008. Sa fejn jaf ix-xhud din l-*enforcement notice* qatt ma giet ikkontestata u spjega li meta ma jkun hemm l-ebda appell jew kontestazzjoni, il-kaz jigi riferut ghal *direct action* kif effettivament gara f’dan il-kaz. Ghalhekk huma pprosegwew bid-*direct action* taghhom.

Ix-xhud spjega li fl-interim period huma jaghtu opportunita’ lill-individwu sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu u sussegwentement ma jkunx hemm spejjez zejda. In-notice per se taghti sittax-il gurnata pero’ naturalment huma jaghtu aktar. Ix-xhud tenna li huma jibdew kmieni filghodu bid-*direct action* sabiex jevitaw li jkun hemm xemx taqli u jekk fl-eventwalita’ li d-*direct action* se tkun titwal ikollhom hin bizzejjed sabiex din tigi konkluza. Naturalment jekk id-*direct action* ma tispiccax f’dak il-jum, jitkomplew l-ghada u jizdiedu l-ispejjez. Din hija n-norma fix-xoghol ta’ kostruzzjoni li x-xoghol jibda kmieni filghodu.

Mistoqsi ghaliex effettivament kien hemm zewg kuntratturi nvoluti f'din id-*direct action* wiegeb illi dak iz-zmien il-Gvern kien waqqaf *task force* li kienet komposta mill-Cleansing Department u Disma Logistics u dan sabiex id-Disma jithallas tal-materjal metalliku li jkun jigbor u l-Cleansing Department jithallas tal-kumplament. Huwa kompla jispjega li l-Cleansing Department tigbor il-materjal *derelict* li jkun hemm bhal kartun, injam u gebel, jigbor kollox u mbaghad tissegretah u tiddepozitah il-Maghtab. Pero' ghall-Cleansing Department ma kienux jigu ccargjati u lanqas tad-Disma kif effettivament huwa rifless fil-kont mahrug. Huma jiehdu n-nies fuq il-post skont l-entita' tal-oggett u naturalment skont l-ezigenzi li jkun hemm bzonn. Fil-fehma tax-xhud kien hemm bzonn in-nies kollha li huma hadu dakinhar biex huma jaghmlu dik id-*direct action*. Huwa spjega li trakk wiehed ma kienx bizzejjed kif effettivament muri fl-ircevuti li hargu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Alfred Caruana pprezentata fl-atti nhar il-11 ta' Frar 2015 u dik ta' l-Awtorita' intimata pprezentata fl-atti nhar il-25 ta' Frar 2015.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 fejn talbu lil din l-istess Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors per se m'humiex kontestati u cioe' li l-Awtorita' intimata harget direct enforcement fuq ir-rikorrent u li in segwitu ta' din l-azzjoni talbet hlas minghand ir-rikorrenti ta' l-ispejjez li hija inkorriet.

Jinghad li l-Awtorita' talbet dawn l-istess spejjez fl-ammont ta' disa' mija u tnejn u hamsin ewro u erba' u sittin centezmu (€952.64) rapprezentanti l-ezekuzzjoni ghall-avviz ta' twettiq Nru ECF 753/08. Jinghad li l-Awtorita' intimata ghamlet din it-talba ai termini ta' l-Artikolu 90(5) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta liema disposizjoni tal-ligi tipprovdi li l-Awtorita' intimata ghandha d-dritt li tirkupra l-ispejjez li jkunu saru minnha purche' tali spejjez ikunu 'ragonevoli'. Illi ghalhekk kollox iholl u jorbot ma x'inhu ragonevoli fic-cirkostanzi.

Ir-rikorrent principalment qed joggezzjona li jhallas l-ispejjez li huma imsejha '*administration fees*' inkluz il-VAT li huma kalkolati fuq 20% ta' l-ispiza inkorsa u ghalhekk mhix spiza fiha nnifisha, qed jirrifjuta li jhallas l-ispejjez inkorsi ghar-rigward il-karozzi li ntuzaw sabiex waslu l-haddiema tal-MEPA fuq il-post fejn kellu jsir l-ordni ta' twettieq u tas-servizzi tal-ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post dakinhar tat-twettieq u tabilhaqq kien hemm erba' Pulizija apparti l-hames ufficjali tal-MEPA. Illi tenut kont tat-twettieq li kellu jsir, ir-rikorrent ihoss li dan il-*man power* kollu kien wiehed esagerat.

Qed jigi rilevat ukoll li r-rikorrent isostni li huwa sofra xi danni f'dan it-twettieq fis-sens li minn fuq il-post fejn sar it-twettieq l-Awtorita' intimata allegatament hadhet zewgt imrabat tal-gebel 'l fuq minn erbgha piedi l-wiehed li jiswew elf ewro (€1,000) kif ukoll magna ta' mutur u dan minkejja li r-rikorrent kien widdibhom sabiex ma jarmux dawn l-istess oggetti.

L-Awtorita' intimata minn naha taghha tghid li t-talba taghha ghall-hlas huwa gust tant li l-Awtorita' dahlet f'dawn l-ispejjez ghaliex hija kienet innotifikat lir-rikorrent li kienet ser tezercita *direct action* fuq il-propjeta' tieghu pero' cio nonostante huwa baqa' jisfida s-sistema u jippersisti sabiex ma jnehhix l-illegalitajiet kommessi minnu minkejja li nghata zmien sabiex pacifikament

inehhi l-irregolaritajiet tieghu fosthom id-depozitu ta’ ammont massiv ta’ scrap tal-hadid u munzelli ta’ demel. L-Awtorita’ esebiet numru ta’ ritratti li jindikaw ix-xoghol li kellu jsir sabiex titnehha din l-illegalita’ li fil-fehma tal-Awtorita’ kienet illegalita’ grossolana u mhux xi infrazzjoni minuri. Tghid li kien rikjest l-presenza ta’ diversi ufficcjali tal-MEPA sabiex jigi riprestinat is-sit, liema xoghol kellu jsir taht is-sorveljanza u skond id-direzzjoni ta’ l-istess ufficcjali.

Il-provi f’dan ir-rikors kienu de minimis billi l-Awtorita’ intimata resqet lil Charles Debattista, Senior Enforcement Officer, jispjega f’diversi okkazjonijiet il-procedura li tiehu il-MEPA fir-rigward ta’ enforcement ta’ *direct action* u lil Kevin Portelli, il-financial controller tal-istess Awtorita’ li spjega l-hlasijiet li jsiru lill-ufficcjali tal-MEPA meta jiehdu hsieb xi *direct action*.

Charles Debattista li huwa Senior Enforcement Officer mal-MEPA spjega li l-kont li huma baghtu lir-rikorrent u li kopja tieghu jinsab esebit a fol. 37 tal-process immarkat bhala Dok CSH 4 huwa maqsum f’zewg partijiet. Fl-ewwel parti qed titntalab il-hlas ta’ hames mija u tlieta u hamsin ewro u sitta u tletin centezmu (€553.36) rapprezentanti l-ispiza involuta ghall-uzu tal-*man power* tal-ufficcjali tal-MEPA, inkluz l-ispejjez tat-trasport ta’ tali ufficcjali u l-*administration fees* involuti ghal tali servizz inkluz l-VAT, u fit-tieni parti qed tintalab refuzjoni ta’ hlasijiet li saru lill-Korp tal-Pulizija, liema ufficcjali tal-pulizija kienu prezenti fuq is-sit waqt it-twettiq tad-*direct action* u dan fl-ammont ta’ tlett mija u disa’ u disghin ewro u seba’ u ghoxrin centezmu (€399.27). Ghalhekk l-Awtorita’ intimata qed titlob il-hlas ta’ disa’ mija u tnejn u hamsin ewro u erba’ u sittin centezmu (€952.64) minghand ir-rikorrent. L-istess xhud esebixxa kopja tal-avviz li ntbaghat lir-rikorrent ai termini ta’ l-Artikolu 51 u 52 tal-Att Numru 1tal-1992 (Dok CSH), sett ta’ ritratti li jindikaw is-sit fejn sar ix-xoghol mertu tar-rikors odjern (Dok CSH 1), purchase order mahruga mill-MEPA mmarkata bhala Dok

CSH 3 u il-kont li rcevew mill-Pulizija in konnessjoni ma’ din id-*direct action* immarkat ukoll bhala Dok CSH 3. Gie indikat ukoll permezz tad-dokument mahrug mill-Cleansing Department li effettivament intuzaw zewg vetturi ghal dan it-tindif u cioe’ il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GVH 329 u GVH 589 ( fol. 50 Dok Z) u li b’kollox kien hemm hdax-il trip sabiex intrema l-iskart kollu f’ammont ta’ 16.5 tunnellata. Illi ghalhekk hija koretta l-awtorita’ li tghid li l-iskart li kien hemm fuq is-sit kien wiehed konsiderevoli u mhux kif donnu indika r-rikorrent fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu li l-iskart kien wiehed ta’ protata zghira.

Illi ghalhekk huwa il-kompitu ta’ din il-Qorti f’dan l-istadju tezamina l-kont u tara jekk fih hemmx xi spejjez li setghu gew evitati u dan bil-ghan li jigi rispettat il-principju generali tal-ligi li l-ispejjez f’riparazzjoni ta’ danni ghandhom jinzammu lejn il-minimum. F’sitwazzjoni bhal dik rizultanti fil-kaz *de quo* l-Awtorita’ intimata ma tistax tiddomanda in linea ta’ danni kwalsiasi somma li hija ssostni li nkorriet.

Issa in linea ta’ massima generali hu pacifikament notorju illi d-danneggat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara. (”**John Xuereb –vs- James Edward Livick et**”, Appell, Sede Inferjuri, 3 ta’ Novembru 1956);

Dan jghodd kemm fir-rigward ta’ danni *ex-delicto* kif ukoll dawk kontrattwali. Jibqa’ dejjem “dmir tad-danneggat li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza ta’ l-att illecitu ta’ min ikkaguna l-hsara u ma jistax jirreklama in linea ta’ danni kwalunkwe ammont li jkun dovut ghan-negligenza tieghu stess izda mhux obbligat jitghabba b’pizijiet biex jirreduci l-hsara. Il-kwistjoni ta’ x’inhu ragjonevoli li jaghmel

id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari." ("**Joseph Aquilina –vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969; **Vol. XXXVII P I p 478; Vol. XXXVIII P I p 249**);.

Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana illi min isofri d-danni għandu jagħmel mill-aħjar li jista' sabiex inaqqas l-estensjoni tagħhom u jissalvagwardja, bħala *bonus paterfamilias,* l-interess ta' min ikun tenut iħallashom[1];

Hu minnu illi di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu (**Vol XL pII p653**), b'mod li jista' jigi eskluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' dejjem il-fatt pero` illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara. (**Vol XXXVIII pI p249**).

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti ser tezamina fid-dettal il-kont li ntbaghat lir-rikorrent mill-MEPA bil-ghan li jigi stability jekk effettivament kienx hemmx xi esagerazzjoni f'tali talba.

Charles Debattista jghid li dakinhar tad-direct action huwa kien iltaqa' ma' xi ufficjali ohra tal-MEPA ghall-habta tas-6.00a.m. u flimkien marru bhala convoy fuq is-sit. Jghid li mieghu kellu zewg assistenti u cioe' lil Hubert Cini u lil Annabelle Attard. Jidher u dan anke mid-dokument CSH 4 li l-ufficcjali tal-MEPA

[1] Paul Scerri et v. Auto Sales Limited 07.11.08 – Qorti ta' l-Appell Kummercjali; Salvatore Cannata v. Kaptan Emanoli Skapinakis nomine – 04.05.1953 – Qorti Kummercjali

thallsu ghal tmien sieghat xoghol bir-rata normali, oltre siegha xoghol bhala overtime u dan ghall-hinijiet bejn is-6.00a.m. u t-3.00p.m. u dan it-tlett ufficcjali li kienu. Jirrizulta wkoll li ghalkemm kien hemm tlett ufficcjali ntuzaw zewg vetturi ghal disgha sieghat bir-rata ta' €4.08 is-siegha total ta' tlieta u sebghin ewro u erba' u erbghin centezmu (€73.44) ghalkemm fid-Dok CSH4 a fol 37 hemm indikata c-cifra ta' tlieta u sebghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€73.38). Naturalment una volta l-MEPA ikkalkolat dawn l-ispejjez, ziedet maghhom *administration fee* ta 20% fuq l-ammont kollu.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan hu kont esagerat u ghandu bla dubju jigi rivedut. Il-Qorti ma tarax ghaliex effettivament is-*senior officer* kellu jkun akkompanjat minn zewg assistenti fuq is-sit. Dan qed jinghad ghaliex fuq il-post kien hemm biss zewg vetturi li kienu qed jigbru l-iskart u ghalhekk kien bizzejjed li jkun hemm ufficcjal wiehed tal-MEPA ma' kull vettura.

Konsegwentement din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tal-MEPA kif maghmula fl-Ittra Ufficjali taghha Nru. 529/14 pero' limitatament sabiex jithallas is-Senior Enforcement Officer u assistent wiehed biss u dan tul il-perjodu li skond ma xehed Debattista u mhux konestat fuq is-sit, damu disgha sieghat. Konsegwentement il-hlas kellu jkun ta' mija u erba' ewro u tnejn u tmenin centezmu (€104.82) fir-rigwad il-hlas tas-Sur Debattista u s-somma ta' wiehed u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€81.76) [cioe' is-somma ta' €9.08 ghal hames sieghat u €18.17 ghal siegha) ghal assistent wiehed. Konsegwentement flimkien l-ufficcjali tal-MEPA kellhom jithalsu is-somma ta' mija u sitta u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€186.58). Dwar il-kwistjoni tal-vetturi il-Qorti rat li ntuzaw zewg vetturi ghalkemm ufficjali kien hemm tlieta u lkoll telqu mill-istess post. Dan ukoll hu eccessiv u l-Qorti tqis li l-hlas ta' uzu ta' vettura wahda sabiex ikun hemm zewg membri tal-awtorita' hija sufficenti u l-uzu ta'

zewg vetturi ghal tlieta minn nies kienet zejda u ghalhekk is-somma ta’ sitta u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€ 36.72) [is-somma ta’ €4.08 fis-siegha ghal disgha sieghat) . B’hekk it-total dovut lill-MEPA huwa ta’ mitejn u tlieta u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€223.30).

Jinghad li l-Awtorita’ intimata qed titlob ukoll l-*administration fee* sabiex gie processat dan il-kont u cioe’ dan fl-ammont ta’ 20% tal-kont finali. Fil-fehma ta’ din il-Qorti din is-somma mhux dovuta u dan ghaliex huwa elementari li kull kont li kwalsiasi dipartiment jew awtorita’ tohrog irid jigi processat u ghalhekk il-hlasijiet li jsiru lill-ufficcjal jinkorporaw fihom l- *administration costs.*

Fir-rigward tal-kont li l-pulizja bagthet lill-MEPA dan ukoll ikopri l-uzu ta’ erba’ ufficjali tal-pulizija u cioe’ Spettur tal-Pulizija, zewg surgenti tal- Pulizija u kuntistabbli. Ma jidhirx li fil-kaz in desamina kien hemm il-htiega li jigu msejha erba’ ufficjali tal-pulizija u dan ghaliex hadd mix-xhieda li xehdu ma stqarr li kien hemm xi theddida lejn xi ksur ta’ paci pubblika. Il-presenza tal-pulizija ai fini ta’ *direct action* m’ghandhiex tkun bhal prekawzjoni izda ghandha tkun mitluba u rikjesta biss f’kaz li l-Awtorita’ ser tirrizultalha li se jkun hemm xi disgwid li jkun jehtieg l-assistenza tal-pulizija sabiex tinzamm il-kalma li f’dan il-kaz ma jirrizultax li sar. Ghalhekk it-talba ghall-assistenza ta’ erba’ ufficcjali tal–pulizija zgur li mhix gustifikata. Il-Qorti sejra takkorda biss il-hlas li sar ghall-assistenza ta’ ufficcjal wiehed u cioe’ tal-Ispettur tal-Pulizija li thallas skond id-Dokument CSH 4 a fol 37 is-somma ta’ mija u wiehed ewro u disa’ u tmenin centezmu (€101.89).

Ghalhekk b’kollox l-Awtorita’ intimata hija gustifikata li tigbor is-somma ta’ tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro u dsatax-il centezmu (€325.19) [€223.30 + €101.89] minghand ir-rikorrent.

Ir-rikorrent fir-rikors tieghu jghid li sofra danni ghaliex l-awtorita' intimata gabret xi mutur u xi zewgt imrabat proprjeta' tar-rikorrent u remiethom. Jigi rilevat li f'dan ir-rikors ma hemm l-ebda talba sabiex ir-rikorrent jigi rimborsat ghal xi danni li sofra, izda t-talba hi li sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-kont mahrug mill-Awtorita' intimata ma hux wiehed ragonevoli ai fini tal-artikolu 90(5) u (6) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tali asserzjoni fin-nota tar-rikorrent qed tigi injorata.

**Ghalhekk din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi qieghda tilqa' t-talba rikorrenti fis-sens li l-kont mahrug mill-Awtorita' intimata in konnessjoni mad-*direct action* numru 753/08 huwa wiehed eccessiv u irragonevoli u qieghda tirriduci s-somma li ghandha tiehu minghand ir-rikorrent ghas-somma ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro u dsatax-il centezmu (€325.19).**

**L-ispejjez ta' din il-procedura tithallas in kwantu ghal zewg terzi minghand l-Awtorita' intimata u terz minghand ir-rikorrent odjern.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------